# Stazzjon tal-Ilma f'Imġarr ix-Xini

Mario Pace

Grupp ta' ħbieb li jiffurmaw parti mill-kors tal-arkitettura ntlaqtu mill-isplendur tal-istruttura tal-pompa tal-ilma li tinsab f'Imġarr ix-Xini. Dan l-impatt wassal biex għamlu diversi żjarat oħra u stħarrġu ferm aktar fil-fond u b'mod aktar dettaljat l-istorja u l-irwol ta' din l-istruttura fil-kuntest storiku tagħha. Għamlu riċerka, intervisti, *site surveying*, mudelli 3D u anke qasmu dak li skoprew mal-pubbliku sabiex ikabbru l-għarfien u r-rwol ta' din l-istruttura li kellha funzjoni tant importanti għall-gżira tagħna.

Wieħed minn dawn kien Mario Pace, mir-raħal tagħna, li f'dan l-artiklu ser jaqsam magħna dak li skoprew. Ta' minn isemmi li flimkien miegħu kien hemm l-istudenti l-oħra fosthom: William Moran, Robert Pace, Andrea Zerafa, Julian Vassallo, Samuel Bonello u James Dingli. Huma jixtiequ juru gratitudni wkoll lil RA&Sons Manufacturing u lill-Kunsill Lokali ta' Sannat li sponsorjaw dan ix-xogħol.

## *Is-sitwazzjoni tal-ilma f'Għawdex fl-aħħar tas-seklu dsatax*

**L-istorja teħodna lura għal madwar 1886, meta id-Deputat Gvernatur Hely-Hutchison ta' instruzzjoni lill-inġinier Osbert Chadwick sabiex jagħmel inspezzjoni tas-sitwazzjoni tal-ilma f'Għawdex. F'dawk iż-żminijiet, l-Għawdxin kienu għadhom jiddependu biss fuq ilma minn nixxijiet naturali, spieri fuq it-tafal jew inkella ilma tax-xita li jiġi maħżun fi bjar u ġibjuni. Minkejja dan kollu, ma kienx hemm evidenza ta' skarsità kbira ta' ilma.**

**Wara l-osservazzjonijiet tiegħu, Chadwick irraporta li n-nies fl-irħula tax-Xewkija, Sannat u l-Munxar - minħabba l-fatt li ma kinitx teżisti preżenza ta' tafal fil-madwar – kienu jiddependu biss fuq l-ilma li jaħżnu fil-bjar u l-ġibjuni tagħhom. Minn naħa l-oħra, Għajnsielem kien hemm ilma minn nixxijiet naturali bl-abbundanza, tant li ħafna mill-ilma kien jibqa' niezel fil-baħar.**

**Ix-xitwa ta' wara li Chadwick żar lil Għawdex, kienet xitwa niexfa ħafna – ftit li xejn għamlet xita. B'konsegwenza ta' dan fix-xhur tas-sajf l-irħula tal-Għarb, Xewkija, Sannat u l-Munxar spiccaw mingħajr ilma u b'hekk il-Gvern kien obligat li jwassal l-ilma fuq il-karettuni sabiex jaqta' l-għatx tan-nies f'dawn l-irħula.**

**F'din is-sitwazzjoni daqstant urġenti kien meħtieg li jittieħdu miżuri malajr kemm jista' jkun. B'hekk inbena ġibjun f'Għajnsielem sabiex fih jinġabar l-ilma minn nixxigħat li kienu neżlin fil-baħar, u minn hemm jigu ippumpjati għar-Rabat, Xewkija, Sannat, Munxar u l-Għarb. Minkejja dankollu, dan l-ilma kien suffiċjenti biss għal żmien limitat. Il-popolazjoni ta' Għawdex kienet qed iżżid b'ammont sostanzjali u, barra minn hekk, l-livell tal-ħajja kien qed jogħla, allura anke il-konsum tal-ilma kien qed jiżdied. Għalhekk ftit snin wara li tlesta dan il-progett beda l-ħsieb għal xi ħaga aħjar.**

## *L-għażla tal-wied għall-bini ta' stazzjon*

**Wieħed jrid jżomm f'moħħu li dan kollu kien qed jiġri fi żmien meta f'Malta kienu qed jsiru avvanzi kbar fil-provista tal-ilma. Għall-ewwel darba fil-gżejjer tagħna, l-Ingliżi irnexxilhom jifmhu l-principju tal-ħażna tal-ilma ħelu fuq il-livell tal-ilma baħar – dak li aħna insejħulu l-*ilma tal-pjan* u huwa teknikament maruf bħala 'Ghyben-Herzbeg Groundwater Body'. Il-principju huwa li meta l-ilma tax-xita jipperkola fil-blat għal numru snin twal, tifforma ħażna ta' ilma ħelu fuq wicc l-ilma mielaħ – *irreferi għall-illustrzzjoni numru 1.***




*1: Illustrazzjoni ta' ħażna tal-Ilma tal-Pjan - Stampa korteżija ta' Wikipedia li ġiet maqluba għall-Matli*




*2: Sezzjoni li turi il-partijiet tas-Stazzjon li huma taħt wicc il-art*

Fl-istess żmien, 1886, kien għadha kif inbniet l-ewwel Stazzjoni tal-Ilma tal-pjan fil-Gżejjer tagħna. Din kienet dik ta' Wied il-Kbir f'Ħal Qormi. Dan kien ikkunsidrat progett ta' suċċess fenomenali minħabba li b'din it-teknologija setgħet tiġi provduta kwantità kbira ta' ilma f'kull lokalità ta' madwar il-gżejjer tagħna.

Għalhekk l-Engineer Chadwick kellhu f'moħħu tliet Widien principali f'Għawdex fejn setgħat tinbena Stazzjon tal-Ilma simili ta' dik f'Wied il-Kbir Malta. Dawn kienu l-Wied ta' Żejta, il-Wied ta' Mġarr ix-Xini u l-Wied tad-Dwejra. L-ewwel wieħed kellu l-vantaġġ li kien aktar ċentrali u qrib tal-belt kapitali, waqt li l-oħrajn kienu qrib tal-irħula li l-aktar kellhom nuqqas ta' provista tal-ilma. Wieħed jrid jifhem li qabel issir id-deċiżjoni biex tinbena stazzjon, kien hemm bżonn li tiġi analizzata il-kwalità tal-ilma minn fejn kienet se taqbad l-ilma. Dan kien issir billi jitħaffru numru ta' xaftijiet mill-qiegħ tal-wied sal-wiċċ tal-ilma tal-pjan – f'ċertu postijiet dawn kienu jkunu fondi aktar minn mitt pied. Billi dawn kienu jsiru mill-baqquniera, wieħed jistà jimmagina li din kienet bicca xogħol ferm impenjattiva.

L-ewwel xaftijiet tħaffru f'Wied Żejta, iżda irriżulta li hawnħekk l-ilma kien ma kienx ta' kwalità tajba - minħabba tniġġis mis-sistema tad-drenaġġ. Għalhekk fis-sena 1887 Chadwick irrakkomanda li jitħaffru żewġt xaftijiet f'Imgarr ix-Xini, wieħed b'fond ta' 50 pied u l-ieħor ta' 100 pied. Eventwalment irriżulta li l-ilma kien ta' kwalità tajba u allura seta' jibda ix-xogħol għall-tnediha ta' Stazzjon tal-ilma f'Imġarr ix-Xini.

## *L-iżvilupp tal-Istazzjon*

Il-ħsieb principali kien li titħaffer sistema ta' mini (jew gallerijji) eżatt mal-livell tal-ilma tal-pjan – *irreferi għall-illustrazzjoni numru 2*. L-ilma jinġabar fil-mini u minn hemm, permezz ta' pompa li titħaddem bil-faħam, l-ilma jittella' għal ġo żewg ġibjuni – wieħed ta' Ċenc u l-ieħor in-Nadur. Minn dawn il-ġibjuni, imbagħad, l-ilma seta jinżel fid-djar bil-gravità. Dan ix-xogħol kien kollhu komplut sas-sena 1901.

Fil-bidu tal-użu tagħha, il-pompa kienet titħaddem permezz ta' numru ta' 'Steam Boilers' tal-għamla Babcock & Wilcox. Dawn il-*boilers* kienu jaħdmu bl-użu tal-faħam – *irreferi għall-illustruzjoni numru 3*. Element ta' intress fl-istruttura huwa li faħam kien jitwaddab mit-triq għall-fuq *chute* (kanal b'forma ta' żurżieqa) u jiżżerżaq bil-gravità sal-*Coal Bunker* (ħażna tal-faħam) fil-livell t'isfel, fejn kienu jitħaddmu il-*boilers*.

Bejn 1925 u 1927, ġiet installata *diesel engine* tal-għamla *Ruston* sabiex tikkontribwixxi għall-ħidma tal-i*steam boilers*. Barra minn hekk il-mini ta' taħt l-art ġew estiżi b'170 pied oħra sabiex jiproduċu qabda akbar ta' ilma. Madwar 25 sena wara, fl-1949, gew installati żewġ pompi tal-għamla *Harland,* li kienu jiġu operati bid-dawl. Dawn il-pompi ħadu post il-boilers, u minn dakinhar 'l quddiem ma baqax jinġab faħam fl-istazzjon. Barra minn hekk, wara il-boilers ma kienx għadhom ta' użu, dawn ġew żarmati u mibjugħin bħala *scrap* metal – saffratant partijiet mill-boilers ġew miżmuma fil-parapett tal-istazzjon minħabba li kienu wisq problematiċi biex jiġu żarmati.

Il-pompi tad-dawl kienu jintużaw biss mal-ġurnata – dawk iż-żminijiet l-elettriku ma kienx qawwi u stabbli biżżejjed, u il-maġġoranza tal-użu tad-dawl, mid-djar u it-toroq, dawk iż-żminijiet kien jsir kif tinżel ix-xemx aktar milli waqt il-ġurnata. Għalhekk ma inżul ix-xemx il-pompi tal-ellettriku kienu jintfew u minflok kienet tintuża id-*diesel engine.* Madwar l-istess żmien inbena ġibjun kbir ta' Ċenc sabiex jipprovdi biżżejed ilma għaż-żieda kbira fid-domanda li ħalliet warajha it-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa indikat f'rapport partikolari tal-*water works* li dan il-ġibjun kien jipprovdi ħażna doppja ta' li kien jinħażen qabel.

## *L-abbandun tal-Istazzjon*

Madwar 10 snin wara, għall-aħħar tas-snin 50, inbena stazzjon ġdida fis-Sabbara – li għada taħdem saż-żmien




*3: Illustrazzjoni li turi l-arranġament ta' numru ta' boiler tal-istess għamla ta' dawk li kienu jintużaw f'Imġarr ix-Xini*



4: Wieħed mit-tankijiet (jew drum) tas-steam boiler kif jinsab preżentament fil-parapett tal-Istazzjon

preżenti. Dan l-istazzjon ġie imqabbad mal-istess sistema ta' mini tal-Istazzjon ta' Mġarr ix-Xini, b'hekk iż-żewġ stazzjonijiet kienu qed itellgħu l-ilma mill-istess qabda, iżda min-naħat opposti tal-mini. Fl-1960 intbagħtet telegramma mill-Gvernatur ta' Malta lis-Segretarju tal-Istat Ingliż għall-Kolonji, fejn fiha ġew mitluba fondi sabiex il-mini jitħaffru aktar fil-fond – madwar żewġ piedi u nofs matul tagħom kollu (li kien jammonta għall 4,600 pied). Ir-raġunijiet għal dan l-iżvilupp kienu tnejn; il-qabda tal-ilma, 190,000 gallun kuljum, ma kinitx biżżejed għad-domanda




5: Ritratt korteżija tal-ktieb Nostalgies of Gozo

għall-ilma u għalhekk billi jfandu il-mini, il-qabda tal-ilma kienet se tiżdied sustanzjalment. It-tieni raguni kienet li waqt li jfandu il-mini setgħu fl-istess ħin jaqilbu l-pendil sabiex l-ilma kollu jinġabar lejn in-naħa tal-istazzjon il-ġdid – dik tas-Sabbara. B'hekk ma jkunx hemm bżonn aktar tal-użu tal-stazzjon il-qadim – dik ta' Mgarr ix-Xini – għax l-ilma jkun jista' jittell' kollu mis-Sabbara u b'hekk ix-xogħol jista' jsir aktar effiċienti minn post wieħed. Eventwalment il-proposta ġiet aċċettata u l-Istazzjon ta' Mgarr ix-Xini ġie magħluq. Mill-ħaddiema li kienu isservu fih, fadal wieħed biss li għadu ħaj; Karmenu Cordina.

Il-pompi ta' l-elettriku *Harland* ġew meħuda sabiex jintużaw f'postijiet oħra filwaqt li id-*diesel engine Runston* tħalliet fuq il-post. Mal-medda taż-żmien din il-magna sofriet minn atti ta' vandaliżmu u b'konsegwenza ta' dan tinsab preżentament fi stat ta' rovina. Minn naħa l-oħra il-fdalijiet tal-*isteam boilers* li tħallew fil-parapett jinstabu f'kundizzjoni relativament tajba. L-għollieq li kontinwament jikber fil-parapett, jaħbi dawn il-fdalijiet taħt il-kenn tiegħu tant li ma kellniex idea f'xiex kienu jikkonsistu qabel żbarna ħafna minnu. Dan iż-żbir sar fuq medda ta' numru ta' ġranet, f'Ottubru ta' 2014, fejn kont akkumpanjat min żewġ koppji, waħda Ingliża u l-oħra Belġjana, li ilhom iżuru lil Għawdex bħala id-destinazzjoni favorita tagħom minn mindu kienu żgħażagħ. B'korteżija tal-għajnuna tagħhom, dawn huma Lesley, Roger, Marie-Frans u Richard.

Il-fdalijiet li nstabu huma; żewġ tankijiet identici – wieħed minnhom jidher fir-riratt numru 4, - numru ta' '*down take headlers*', numru ta' '*water tubes*', u numru ta' aktar partijiet li ma' ġewx identifikati. Ir-ritratt numru 5, juri id-dehra tal-istazzjoni kif kien jidher madwar is-sena 1920. Fir-ritratt jidher ċar il-parapett li skont Karmenu Cordina il-ħaddiema kienu jużaw bħala post ta' rikreazzjoni biex jistieħu mis-sħana u l-istorbju li kien jagħmel il-makkinarju. Jidher ukoll li xi partijiet mill-istruttura kif teżisti illum mhumiex kompatibbli ma' kif kienet fir-ritratt. Wieħed jista' jinnota wkoll in-nuqqas ta invażjoni estensiva ta' għollieq li wieħed isib fil-wied fiż-żmien tal-lum.

Ma kienx biss il-makkinarju li soffra vandaliżmu. Iż-żewġ garigori li jagħtu aċċess għall- livelli diversi tal-istazzjon jinstabu fi stat li jirrendihom mingħajr użu. L-istazzjon illum iservi biss biex jipprovdi kenn lil ħamiem li jgħixu fil-wied, iżda il-preżenża tiegħu joffri xhieda tal-impenn li kienu jiddedikaw missirijietna sabiex jiprovdu wieħed mill-aktar bżonnijiet essenzjali għall-ħajja tal-bniedem – l-ilma.

* * * * * * * * * * * * * *

*F'dawn l-aħħar snin saru diversi attentati sabiex tigi irrestawrat l-istazzjon, iżda il-pożizzjoni u l-konfigurazzjoni tal-istruttura jrendu dan il-proġett wieħed problematiku u delikat, u minħabba hekk,*




*6: IL-ispazzju ċentrali tal-Is-tazzjon - fin-nofs 'engine shaft' 16 il-metru fond - lemin bieb u żewġt twieqi fil-faċċata tal-wied - xellug żewġ fetħiet; iż-żgħir tal-'coal bunker' waqt li l-kbir huwa mic-'chambers' fejn kien jitpoġġa wieħed mill-boilers*

*dawn l-isforzi dejjem spiċċaw fix-xejn. L-iskop tal-istudji li saru, huwa li jiprovdu bażi tajba minn fejn jista' jsir pjan ta' restawr. Mill-istudju ħarġu ħafna dettalji tal-konfigurazzjoni oriġinali tal-makkinarju u b'hekk setgħat tiġi indikata l-pożizzjoni orġinali tal-fdalijiet eżistenti. L--Istazzjon ġie imkejjel kollu – minbarra l-mini ta' taħt l-art – u dan il-kejl ġie żviluppat fi pjanti u illustrazzjonijiet fit-tielet dimensjoni (3D). Il-provista ta' dawn id-dokumenti hija essenzjali qabel jista' jiġi kkunsidrat pjan ta' restawr – partikularment fil-każ tal-Istazzjon ta' Mġarr ix-Xini, minħabba il-fatt li huwa inaċċesibbli allurra wieħed ma jistax jieħu dawn id-deċiżjonijiet fuq il-post. Wara dan ġie żviluppat pjan preliminarju ta' restawr sabiex iservi ta' bidu għall-pjan aktar dettaljat u bħala dokument għall-applikazjonijiet għall-fondi. L-elementi diversi tal-istruttura ġew dokumentati f'numru ta' tpenġijiet, ritratti,u filmati għall-użu ta' referenza fil-futur. Inbena wkoll mudell tal-mountboard tal-Wied ta' Mgarr ix-Xini, dan se jkun esebit permanenti fil-Kunsill ta' Sannat.*

*Numru kbir ta' pjanti, rapporti, ritratti u dispaċċi li instabu, jagħtu indikazzjoni ċara tal-iżvilupp tal-istazzjon matul iż-żminijiet. Dawn id-dokumenti instabu mill-arkiviji ta' Santu Spirtu, l-arkivji tal-Vajrinġa, l-arkivji tal-KEW f'Londra (kellna l-apportunità li nżuru dawn l-arkivji fuq sitt ġranet waqt li wieħed mill-kollegi – William Moran – kien jaqdem għall-ftit xhur f'Londra), l-arkivji tal-WSC f'Luqa, fl-arkivji tal-Project House fil-Floriana, u fil-Bibjoteka Nazzjonali tal-Belt. Barra minn hekk ġejna anke provduti b'ħafna dokumenti grazzi għall-ġenerożità ta' numru ta' individwi, fosthom; Ing Charles Camilleri u Dr Paul Micallef it-tnejn minn WSC, Brian Restall minn PIM, John Cremona mill-Ministeru għal Għawdex, u Joseph Bezzina mill-Arkiviji tal-Vajringa. Saru ukoll numru ta' intervisti; waħda partikularment importanti ma' Karmenu Cordina – l-unika persuna li fadal ħajja minn dawk li ħadmu fl-istazzjon.*

*Il-Kunsilli tax-Xewkija u Sannat, ilhom jaħdmu aktar minn għaxar snin sabiex flimkien irawmu il-ħolma tagħhom ta' Park Reġjunali fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Bħalissa qiegħda titfassal applikazzjoni għall-fondi Ewropej sabiex jitwettaq dan il pjan holistiku li jinkludi fih l-Istazzjon tal-Ilma.L-istudji u r-riċerka li saret jistgħu jiġu miżjura mill-pubbliku mill-Kunsill ta' Sannat, u huwa pjanat li jsiru aċċesibbli ukoll mill-Kunsill tax-Xewkija u mill-Arkivji tal-Vajringa.*



## Mariblu Bed & Breakfast

Family run with 3 Star Hotel Standards. All rooms with balcony, ensuite showers, kitchenette, Fridge, TV & Air Condition. With Two Swimming Pools and large sundeck with Sunbeds. Our restaurant, bar and pizzeria are open all day serving local specialities as well as a la carte menu both in our airconditioned restaurant or al fresco by the pool. We also offer farmhouses, millhouses and villas with pool, as well as BOAT CHARTERS.

Mariblu Bed & Breakfast, Mgarr Road, Xewkija, Gozo.
t: 21551315 | m: 9949 7757
e: info@ mariblugozo
w: www.maribluegozo.com. www.maltagozoholidays.com